

Brussell, 24 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

15135/22

MI 858  
COMPET 936  
POLARM 2  
CFSP/PESC 1594  
COARM 254  
DELECT 210

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 13374/22 + ADd 1 - C (2022) 6970 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 5.10.2022 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tal-21 ta' Frar 2022 - Intenzjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għal att delegat

---

1. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' Direttiva Delegata ta' hawn fuq lill-Kunsill, li, skont l-Artikolu 13 u 13a(4) tad-Direttiva 2009/43/KE<sup>1</sup>, jemenda l-Anness tiegħu.

Il-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ġiet aġġornata l-aħħar mill-Kunsill fil-21 ta' Frar 2022<sup>2</sup>. L-Anness ma ġiex allinjat ma' din l-aħħar emenda tal-Lista Militari Komuni, u huwa meħtieġ li dan isir permezz tal-adozzjoni ta' dan l-att delegat.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1–36); Il-verżjoni konsolidata attwali - 7/10/2021;

<sup>2</sup> ĠU C 100, 1.3.2022, p. 3.

2. Id-Direttiva 2009/43/KE ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/1243<sup>3</sup> li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 TFUE<sup>4</sup>.
3. L-Artikolu 1 tad-Direttiva Delegata jipprevedi li l-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE jiġi sostitwit bl-Anness tad-Direttiva Delegata msemmija hawn fuq, li l-kontenut tagħha huwa identiku għal-Lista Militari Komuni kif aġġornata l-aħħar mill-Kunsill.
4. Fl-10 ta' Ottubru 2022, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq sat-22 ta' Novembru 2022. Ebda delegazzjoni ma ressqet xi raġuni rilevanti għal oppożizzjoni. L-iskadenza uffiċjali ta' tliet xhur tiskadi fis-6 ta' Jannar 2023, u wara l-att delegat jiġi adottat.
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemmx oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 13374/22 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241–344);

<sup>4</sup> Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47–390).